MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2011

Rikors Numru. 49/2008/1

**Maria Rita Meilak**

**Vs**

**Registratur tal-Qorti t'Ghawdex u b'digriet tal-14 t'Ottubru 2011 gew kjamati fil-kawza Josephine Vella, Paul Mizzi u Euchar Mizzi**

Il-Qorti,

Illi fir-rikors promotur ir-rikorrenti esponiet is-segwenti:

'Maria Rita Meilak et (Rikors Guramentat 49/2008) deciza fis-27 ta' April 2011 – kopja legali tat-taxxa annessa u markata MM1;

Illi l-esponenti m’ghandha ebda oggezzjoni dwar kif giet intaxxata l-kawza kemm id-dritt tar-registru kif ukoll id-dritt tal-avukati rispettivi tal-partijiet a rigward il-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-eredita’ ta’ missier il-kontendenti John Mizzi, u qeghda tirrimetti ruhha ghal dik il-parti tat-taxxa kif hadimha r-registratur intimat;

Illi l-ilment tal-esponenti u li jifforma l-bazi tat-talba odjerna jirrigwarda l-mod kif inhadem id-dritt tar-registru u d-dritt tal-avukati fir-rigward tal-eredita’ ta’ omm il-kontendenti Josephine Mizzi. Il-qofol tal-kwistjoni mqanqla fil-process gudizzjarju kienet il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-porzjoni rizervata fuq il-wirt ta’ l-omm li talbu Josephine Vella u Paul Mizzi. Dak kien il-*quod disputatum est,* u kemm id-dritt tar-registru kif ukoll id-dritt tal-avukati ried jigi komputat fuq l-ammont li gie likwidat u assenjat lill-atturi u mhux fuq il-valur tal-massa ereditarja tad-*decujus* li fuqha Josephine Vella u Paul Mizzi ma kien baqghalhom ebda drittijiet ohra wara li kienu rrinunzjaw ghall-eredita’ ta’ ommhom Josephine Mizzi, hlief id-dritt li jitolbu u jiehdu s-sehem rizervat li taghtihom il-ligi. Anke’ l-Qorti li tat is-sentenza kienet cara fil-parti dispozittiva taghha tas-sentenza meta giet biex tiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez, li s-seba’, tmien, u disa’ talbiet huma relatati mat-talbiet dwar is-sehem rizervat u mhux mal-eredita’ tal-omm. Id-dritt tar-registru ta’ tlett elef mija u sebgha u disghin euro u ghaxar centezmi (€3,197.10) u d-dritt tal-avukat tal-atturi ta’ tlett elef mija u sebgha u disghin euro u erbatax-il centezmi (€3,197.14) kellu jigi ntaxxat fuq l-ammont likwidat u li l-Qorti kkundannat lill-esponenti li thallas lill-atturi ta’ sittax-il elf erba’ mija u tmienja u disghin euro (€16,498) lil kull wiehed u wahda mill-atturi, ghal total ta’ tnejn u tletin elf disa’ mija u disghin euro (€32,990) u mhux fuq il-valur tal-massa ereditarja tal-omm ta’ mija u sebgha u disghin elf disa’ mija u tnejn u tmenin euro (€197,982). Id-dritt tad-difensuri tal-partijiet kellu u ghandu jigi kkalkolat fuq l-interessi tal-patrocinati taghhom f’dik il-kawza, u l-interess ewlieni ta’ Josephine Vella u Paul Mizzi fil-kawza kien li l-Qorti tikkundanna lill-esponenti li thallashom is-sehem rizervat li talbu lill-Qorti tillikwidalhom, u biex il-Qorti kellha tasal ghal din il-likwidazzjoni kellha bla ma trid tqis x’kien hemm fil-massa

ereditarja tal-mejta; dan pero' mhux ghall-finijiet tad-divizjoni ta' dik l-eredita', izda ghall-finijiet biss tal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tas-sehem rizervat li talbu fuq il-wirt ta' ommhom. Dan kien il-qofol tal-kwistjoni mqanqla fil-process gudizzjarju, u li dwaru ddecidiet il-Qorti, u fl-umli fehma tal-esponenti r-registratur intimat kien zbaljat meta hares biss u sempliciment lejn is-seba' talba kif formulata fl-att promotur tal-azzjoni u sgwida ruhu meta dik it-talba kellha tigi kunsidrata biss fid-dawl taz-zewg talbiet l-ohra li segwewha, u cioe' t-tmienja u d-disa' talbiet;

Fid-dawl tal-premess u ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati f'aktar dettal fit-trattazzjoni orali, l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma t-taxxa tal-ispejjez u d-drittijiet gudizzjarji mahruga mir-registratur intimat fis-16 ta' Gunju 2011, fil-kawza fl-ismijiet Josephine Vella et vs Maria Rita Meilak et (Rikors Guramentat 49/2008) maqtugha mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Generali fis-27 ta' April 2011, u tordna lir-registratur johrog taxxa mill-gdid u riveduta tal-imsemmija kawza limitatament u sa fejn jirrigwarda d-dritt tar-registru u d-dritt tal-avukat li ghandhom jigu mahduma u ntaxxati fuq l-ammont effettivament likwidat u assenjat lill-atturi tas-sehem rizervat fuq il-wirt ta' ommhom Josephine Mizzi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Ghall-finijiet  ta' kompetenza dik il-parti tat-taxxa li qed tigi kontestata ma teccedix l-ammont ta' €11,647'.

Rat li Josephine Vella, Paul Mizzi, Euchar Mizzi u Dr Carmelo Galea gew notifikati bl-avviz.

Rat li r-Registratur tal-Qorti t'Ghawdex nonostante li gie debitament notifikat fl-14 ta' Lulju 2011 baqa' ma pprezenta l-ebda risposta u ghalhekk huwa kontumaci.

Rat li Josephine Vella u Paul Mizzi prezentaw risposta.

Rat li fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2011 gew kjamati fil-kawza Josephine Mizzi, Paul Mizzi u Euchar Mizzi. Dr Mario Scerri u Dr Carmelo Galea taw b'ruhhom notifikati ghall-avviz u ghall-kjamati fil-kawza. Inoltre' r-risposta ta' Josephine Vella u Paul Mizzi li dahlet in atti meta dawn ma kienux parti fil-kawza in vista tal-fatt li gew kjamati fil-kawza  giet ammessa fil-kawza.

Rat li fl-istess seduta Dr Mario Scerri u Dr Carmelo Galea trattaw il-kaz. Ir-Registratur tal-Qorti t'Ghawdex inghata l-fakolta' li fi zmien xahar jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet.  Ir-rikors thalla ghad-decizjoni ghas-6 ta' Dicembru 2011.

Rat li fir-risposta taghhom Josephine Vella u Paul Mizzi sostnew hekk:

'Illi t-talba ta' Maria Rita Meilak sabiex it-taxxa ufficjali mahruga fl-atti ta' din il-kawza hija assoluatment infondata fid-dritt u fil-fatt.

Illi bhala fatt huwa minnu li wahda mit-talbiet tal-atturi fil-kawza kienet proprju talba sabiex jigu likwidati l-assi ereditarji ta' ommhom Josephine Mizzi. Huwa biss a bazi ta' dik il-likwidazzjoni li seta' jsir il-pass sussegwenti li tigi likwidata l-porzjoni rizervata dovuta lill-mittenti fuq dak il-wirt.

Kwindi l-'massa litigjuza' li ghandha sservi bhala bazi ghall-kalkolu tat-taxxa ufficjali ghandha necessarjament tirraprezenta l-valur tal-wirt tal-omm u xejn inqas u xejn aktar.

L-interess tal-esponenti kien proprju dak li tithallas lilhom il-porzjoni rizervata imma ma jfissirx li din il-porzjoni rizervata wiehed seta' jasal ghaliha in astratt minghajr qabel ma jigi likwidat il-valur tal-assi ereditarji kollha. Tant huwa hekk li fis-sentenza taghha din l-Onorabbli Qorti ghamlet ezercizzju shih minuzzjuz u ddetaljat sabiex waslet sabiex tistabilixxi l-valur tal-assi ereditarji billi hadet in kunsiderazzjoni kemm l-attiv kif ukoll il-passiv ta' dik l-eredita' u kien biss wara dan l-istudju kollu li l-Qorti waslet

sabiex illikwidat l-ammont tal-porzjon rizervata dovuta lill-esponenti.

Tant huwa hekk li jekk wiehed ifittex u jara l-kawzi kollha ta' likwidazzjoni u hlas ta' porzjoni rizervata, jew qabel l-emendi recenti, ta' legittima, jsib li t-taxxa invarjabbilment inhadmet dejjem a bazi tal-valur tal-assi ereditarji u mhux a bazi tal-valur nett rizultanti ta' porzjoni rizervata jew legittima skont il-kaz.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jissottomettu lil din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkonferma t-taxxa ufficjali gia mahduma u tichad ir-rikors odjern'.

Rat li r-Registratur tal-Qorti t'Ghawdex baqa' ma pprezenta lanqas in-nota ta' sottomissjonijiet.

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

Illi din hija azzjoni ta' ritassa skont l-**artikolu 64 tal-Kap.12** tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti qeghda titlob lil din il-Qorti tirriforma t-taxxa ta' l-ispejjez u d-drittijiet gudizzjarji li nharget in segwitu ghas-sentenza fl-ismijiet **"Josephine Vella et vs Maria Rita Meilak et"**. Ir-rikorrenti taghmilha cara fir-rikors taghha li ghal dak li jirrigwarda d-dritt tar-registru kif ukoll id-dritt tal-avukati rispettivi tal-partijiet rigward il-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-eredita' ta' missier il-kontendenti John Mizzi hija qeghda tirrimetti ruhha ghal dik il-parti tat-taxxa kif mahduma mir-Registratur.

Illi l-istess rikorrenti tikkontendi li t-taxxa minnha impunjata hija zbaljata in kwantu t-taxxa dwar l-eredita' ta' l-omm Josephine Mizzi giet mahduma fuq valur illi ma jirrigwardax it-talba principali tal-kawza li skont hija kienet il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-porzjon rizervata, izda nhadmet ukoll fuq il-valur tal-massa ereditarja tad-*decujus*.

Illi sussegwenti ghat-trattazzjoni tar-rikors, ir-rikorrenti prezentat nota li biha rrilevat li fid-dawl tas-sentenza li ghaliha ghamlet referenza waqt it-trattazzjoni tar-rikors li

d-dritt tar-registru u ta' l-avukat ghandu jinhadem daqs li kieku l-kwistjoni kienet tirrigwarda punt ta' ligi u mhux *ad valorem,* din il-qorti mhix marbuta mal-kawzali ndikata fir-rikors promotur jekk ikollha tasal biex tordna lir-Registratur jahdem mill-gdid it-taxxa ta' l-ispejjez gudizzjarji u jekk jidhrilha li t-taxxa ghandha tinhadem fuq punt ta' dritt.

Illi jirrizulta mis-sentenza fl-ismijiet **"Josephine Vella et vs Maria Rita Meilak et"** li kien hemm diversi talbiet maghmula mill-atturi f'dik il-kawza inkluz talba sabiex tigi likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' John u Giuseppa konjugi Mizzi u l-assi ereditarji rispettivi taghhom. Mill-istess sentenza jirrizulta illi il-Qorti illikwidat l-wirt ta' John Mizzi billi ddikjarat li l-assi ereditarji tieghu jikkonsistu fis-sehem li kellu ta' 1/8 mill-fond 20, Triq it-28 ta' April 1688, Qala u s-sehem tal-mobbli kien hemm fid-dar. Billi dan is-sehem gie assenjat lil Maria Rita Meilak hija giet ikkundannata thallas is-somma ta' sitt elef tmien mija u hdax-il euro (€6,811) lil kull wiehed minn hutha. B'hekk il-valur tal-wirt ta' John Mizzi kien fis-somma ta' sebgha u ghoxrin elf mitejn u erbgha u erbghin euro (€27,244).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-wirt ta' l-omm irrizulta li dan gie stmat fis-somma ta'  mitejn tlieta u ghoxrin elf disa' mija u tnejn u tmenin euro (€223,982) u l-qorti llikwidat is-sehem tal-porzjon rizervata ta' l-atturi fis-somma ta' sittax-il elf erba' mija u tmienja u disghin euro (€16,498) lil kull wiehed mill-atturi. Hawnhekk irid jigi specifikat li mill-ammont ta'€223,982 kien hemm is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf euro (€25,000) dovuti lil Maria Rita Meilak ghas-servigi minnha rezi lill-omm il-partijiet, liema ammont tnaqqas mill-wirt sabiex tigi kalkolata l-porzjon rizervata ta' l-atturi. Ghalhekk il-porzjon rizervata dovuta giet kalkolata fuq l-ammont ta' mija u tmienja u disghin elf disa' mija u tnejn u tmenin euro (€198,982).

Illi mill-istess rikors guramentat f'dik il-kawza jirrizulta li fil-fatt kien hemm diversi talbiet li kienu jikkonsistu (1) sabiex il-qorti tillikwida l-beni li jiffurmaw il-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin John u Giuseppa Mizzi; (2) taqsam il-komunjoni tal-akkwisti  f'zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda kull wiehed lill-assi partikolari tal-mejtin; (3)

tillikwida l-beni partikolari ta' John Mizzi billi tiddikjara li jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilu, u dawk l-assi parafernali li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza; (4) taqsam il-beni ta' John Mizzi f'erba' porzjonijiet bejn il-kontendenti u taqsam sehem kull wiehed lill-partijiet; (5) tahtar Nutar pubbliku u tiffissa l-jum u lok ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' divizjoni; (6) f'kaz li jirrizulta li l-beni m'humiex komodament divizibbli, tordna l-bejgh b'licitazzjoni sabiex ir-rikavat jinqasam f'sehem ugwali bejn il-partijiet; (7) tillikwida l-beni ta' Giuseppa Mizzi billi tiddikjara li dawn jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti u dawk l-assi parafernali li jirrizultaw waqt il-kawza; (8) tillikwida l-porzjon rizervata li tispetta lill-atturi fuq il-wirt u successjoni ta' ommhom Giuseppa Mizzi; (9) tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu din il-porzjoni bl-interessi legali fuq l-ammont eventwalment likwidat b'effett mid-data tal-mewt ta' Giuseppa Mizzi sad-data tal-pagament effettiv, fit-termini tal-artikoli 615(2) u 1139 tal-Kodici Civili.

Illi harsa imbaghad lejn ir-risposta guramentata, il-konvenuti Maria Rita Meilak u Euchar Mizzi eccepew li (1) ghal dak li jirrigwarda l-wirt ta' John Mizzi, il-konvenuti qatt ma opponew li ssir il-likwidazzjoni u qasma tal-wirt prevja li jigi stabbilit il-konsistenza tal-assi u jigu verifikati l-kwoti; (2) Eucharist Mizzi mhux werriet ta' ommu u qieghed jirrinunzja ghall-wirt ta' ommu bla pregudizzju ghad-dritt li jippercepixxi l-legat li hallietlu ommu fis-somma ta' tlett elef Lira Maltin (Lm3,000) u li jiehu s-sehem rizervat li jispetta lilu skont il-ligi; (3) Maria Rita Meilak qatt m'opponiet u mhix topponi li taghti lil hutha s-sehem rizervat, b'dan li fil-komputazzjoni m'ghandhomx jidhlu l-flus li Giuseppa Mizzi kienet tat u ddonat lill-karitajiet mir-rikavat tal-bejgh li sar bl-att tan-Nutar Kristen Dimech tal-25 ta' Marzu 2003, l-ispejjez tal-funeral, u qabel ghandu jittiehed ukoll kont u jigu likwidati s-servigi li rrendiet lill-ommha ghal numru ta' snin; (4) il-konvenuta baqghet ma waslitx fi ftehim ma' hutha dwar il-hlas gust u reali tas-sehem rizervat billi dawn kienu qeghdin jitolbu ammonti kbar, u ghalhekk l-intransigenza tal-atturi ghandha tirrifletti ruhha fil-kap tal-ispejjez.

Illi kif diga’ gie rilevat l-ilment tar-rikorrenti fuq it-taxxa mahruga tirrigwarda t-taxxa ta’ l-ispejjez u drittijiet gudizzjarji li nhadmet fuq l-eredita’ ta’ l-omm.

Illi m’hemmx dubju li sabiex wiehed jasal ghall-valutazzjoni tal-legittima l-ewwel ma ried isir, kif fil-fatt sar, il-likwidazzjoni u determinazzjoni tal-assi ereditarji tal-konjugi Mizzi u wara l-istess assi gew maqsuma f’dawk appartenenti rispettivament lil kull wiehed u wahda mill-istess konjugi. Hekk kif gie determinat liema kienu l-assi appertenenti lil sehem Giuseppa Mizzi Mizzi, il-Qorti pprocediet sabiex fuq dak l-istess sehem inhadmet il-porzjon rizervata.

Ghalhekk kien hemm dawk it-talbiet kollha fl-istess rikors guramentat, talbiet li ghalkemm ma kienux kollha kontestati pero’ jirrizulta li sabiex il-Qorti waslet ghall-istess likwidazzjoni tal-assi kellha tiehu diversi konsiderazzjonijiet fosthom kellhom isiru kalkoli fir-rigward tad-depoziti bankarji li kienu f’isem il-mejta Giuseppa Mizzi u u ohrajn li gew trasferiti f’kont ta’ Maria Rita Meilak, ohrajn li nghataw b’donazzjoni lil dixxendenti taghha u ammonti ohrajn li l-konvenuta sostniet li kienu nghataw lill-karitajiet izda li mhux kollha gew pruvati. Kellu wkoll jigi kkunsidrat jekk is-sehem li kellha Josephine Mizzi fil-fond numru 20, fi Triq it-28 ta’ April tas-sena 1688, Qala, Ghawdex kellux jidhol fil-massa ereditarja peress li kien sar trasferiment ta’ l-istess sehem b’donazzjoni minn Giuseppa Mizzi lil Maria Rita Meilak fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Grima fl-1 ta’ Marzu, 2000 u kellhom ukoll jigu likwidati s-servigi rezi mill-istess Maria Rita Meilak.

Illi finalment gie stabilit li s-servigi li rrendiet Maria Rita Meilak kellhom valur ta’ hamsa u ghoxrin elf euro (€25,000) u ghalhekk mis-sehem li kellha Giuseppa MIzzi fil-fond inkwistjoni (li kien jissarraf f’valur ta’ mija disgha u ghoxrin elf u tnejn u sittin euro - €129,062) halla bilanc ta’ mija u hdax-il elf hames mija u tnejn u sittin euro (€111,562) li l-qorti kkonkludiet li riedu jitnaqqsu bhala donazzjoni. Oltre’ dan l-ahhar ammont ta’ €111,562 imbaghad il-qorti ziedet ammonti ohrajn hekk kif spjegat fl-

istess sentenza. Ghalhekk il-massa ereditarja giet stmata li kellha valur ta’ €198,982 flimkien ma’ €25,000 valur tas-servigi rezi li globalment iwasslu ghall-ammont ta’ €223,982. Il-porzjon rizervata, kif diga’ inghad precedentement, giet likwidata fl-ammont ta’ €16,498.

Illi in vista tat-talbiet tar-rikorrenti irid jigi determinat jekk tali taxxa kellhiex tinhadem *ad valorem* u jekk iva fuq liema valur trid tinhadem. Dwar l-ewwel kwezit ma’ hemm l-ebda dubju li t-taxxa kellha tinhadem *ad valorem* u dan peress li t-talbiet attrici ma humiex semplici dikjaratorji[1]. Illi din il-qorti tirrileva wkoll li s-sentenza prezentata in atti mill-avukat tar-rikorrenti waqt it-trattazzjoni tar-rikors fl-ismijiet **Avukat Dr Paolo Borg Grech et vs Avukat Dr Edgar Buhagiar noe et[2]** mhiex ta’ konfort ghat-tezi tar-rikorrenti. Infatti ibda biex f’dawk il-proceduri jirrizulta li l-partijiet kienu transigew il-pendenzi bejniethom. Inoltre’ l-qorti kkonkludiet li t-talba ghal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-legittima ghandha tigi ntaxxata *ad valorem* biss meta jkun hemm kontestazzjoni jew dwar l-ispettanza jew dwar l-ammont ta’ dik il-legittima. F’dak il-kaz it-talba ghal-legittima saret bil-kundizzjoni ‘jekk hemm bzonn’ u allura jekk ma jkunx hemm bzonn li l-qorti tinvestiga dik il-kwistjoni t-talba ma ghandhiex tigi intaxxata. Fil-proceduri odjerni rrizulta pero’ li kien hemm kontestazzjoni mhux ghad-dritt tal-porzjon rizervata *per se’* izda kien hemm kontestazzjoni ghal dak li kellu jigi nkluz fil-massa ereditarja tad-*decujus* li kellu allura effett dirett fuq l-ammont li kellu jigi likwidat sabiex l-atturi jiehdu l-porzjon rizervata spettanti lilhom.

Illi  kif diga’ inghad, dwar il-valur li kellu jigi ntaxxat jirrizulta mill-atti tal-istess kawza, inkluzi t-talbiet kif proposti, li fil-verita’ kien hemm divergenza bejn il-kontendenti dwar x’kellu jidhol fil-massa ereditarja appartenenti lil Giuseppa Mizzi u ghalhekk l-hekk imsejjah *quod disputatum* ma kinitx biss il-porzjon rizervata izda wkoll likwidazzjoni tal-assi tal-istess Giuseppa Mizzi, l-

[1] Avukat Dr. Paulo Borg Grech et vs Avukat Dr. Edgar Buhagiar noe et (P.A. (V.R.S) – 22 ta’ Frar 1967).
[2] Prim’Awla per Onor Imhallef V.R. Sammut deica fit-22 ta’ Frar, 1967

assenjazzjoni rispettiva ghall-wirt rispettiv, u fl-ahharnett id-determinazzjoni tal-porzjon rizervata.

Illi ghalhekk il-valur tal-kawza kien jirreferi ghall-valur tal-massa ereditarja u minghajr dubju dan kien relevanti u determinanti ghall-intaxxar tal-valur tal-istess. Referenza ssir hawnhekk ghas-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dottor Carmelo Galea vs Silvio Zammit et**[3]

*"B'introduzzjoni ghat-tieni motiv ta' aggravju jibda biex jinghad b'ripetizzjoni in bazi ghall-gurisprudenza affermata illi "t-tassazzjoni ta' kawza ghandha tigi regolata mit-talba kontenuta fl-att tac-citazzjoni, mhux fis-sens limitat ghas-semplici inkartament, izda fis-sens ta' l-oggett taghha; u f'dan is-sens il-kumpless ta' dak li huwa in kontestazzjoni, jew dak li huwa in disputa (quod disputatum est) jista' jigi ragonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u t-trattazzjoni ta' l-istess kawza, imma mhux minn dak li lilha jkun irid jigi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jigu proposti jkunux akkolti jew michuda" ("**Avv. Dr. Giuseppe Pace et -vs- Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 1 ta' Ottubru, 1948). Ugwalment, gie ritenut illi "meta l-massa litiguza jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-tassazzjoni ghandha tigi regolata fuqu; jigifieri ghandu jigi studjat u ezaminat x'ikun l-oggett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir ad valorem " Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Frar, 1951). Dejjem fl-istess sens id-decizjoni fl-ismijiet "**Leslie Grech nomine -vs- Frank Abela et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 25 ta' Jannar, 2002 u "**Loris Bianchi et -vs- Dottor Victor Borg Costanzi nomine**", Appell Civili, 17 ta' April, 1978;"*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Adelaide Ellul et vs Direttur Generali tal-Qorti et**[4] gie ritenut hekk :

*"f'dan is-sens hija relevanti s-sentenza fl-ismijiet **"Salvino Ellul Bonnici vs Dr. Edgar Buhagiar et"** (A.C.– 7 ta' Ottubru 1960) fejn inghad li l-valur tal-kawza tant ghall-*

---

[3] Appell Civili 4/2008PS deciz fil-15 ta' Lulju, 2009
[4] Cit Nru 1027/2006RCP deciza fis-26 ta' Marzu, 2009. Gie interpost appell minn din is-sentenza liema appell ghadu *sub judice*

*finijiet ta' kompetenza kemm ghall-finijiet ta' tassazzjoni, jitqies fuq id-domanda, u mhux fuq l-interess effettiv, jew interess pekunarju jew patrimonjali li l-attur jista' jkollu fl-ezitu tal-kawza, ghaliex hawn qed issir riferenza biss ghal dak li huwa l-interess guridiku, li huwa ben differenti mit-talbiet attwalment imposti. Dan huwa iktar relevanti f'dak li gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet* ***"Albert Bezzina Wettinger vs r-Registratur tal-Qorti et"*** *(P.A. (JRM) – 5 ta' Gunju 2003) li kawza tigi intaxxata ad valorem meta jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-ligi jew mill-process, tant li inghad li 'fil-fehma tal-Qorti , dan ifisser li l-valorizzazzjoni tal-azzjoni tista' ssir mhux biss mill-att promotur, imma wkoll minn kull taghrif jew prova li tinsab fl-atti". F'dan is-sens ukoll hija s-sentenza* ***"Carmelo Axiak vs Dr. Giuseppe Vella nomine et"*** *(Vol. XXXV.ii.361)".*

Illi jsegwi li, bl-applikazzjoni tal-principji fuq delineati ghall-kaz in dizamina jirrizulta li
dak kontestat bejn il-partijiet kien proprju fl-ewwel lok u fuq kollox dwar il-valur tal-assi ereditarji ta' Giuseppa Mizzi, u sussegwement ghal-likwidazzjoni tal-porzjon rizervata. Ghaldaqstant dak li kien il-*quod disputatum,* determinat anke mit-talbiet attrici, ossija l-valur intier ta' l-istess assi, u allura t-taxxa kif mahruga mir-Registratur tal-Qorti nhadmet korrettament fuq il-valur totali ta' l-istess assi, indikati wkoll u determinati fis-sentenza.

Illi s'intendi l-istess valur kellu jintuza kemm ghall-finijiet tad-drittijiet ta' Registru tal-Qorti u kif ukoll ghad-drittijiet tad-difensuri tal-partijiet u dan peress li ma hemm l-ebda distinzjoni bejn l-**paragrafu 3 tat-Tariffa A u paragrafu 13 tat-Tariffa E.**

Illi jinghad illi fil-fatt **paragrafu 14 tat-Tariffa E ta' Skeda A** jipprovdi illi:-

*"Meta dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat, jew determinabbli skont il-ligi jew mill-process, id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabilit"*

Illi mbaghad **paragrafu 13** jipprovdi l-ammont illi ghandu jigi ntaxxat fuq il-valur. **Paragrafu 14 tat-Tariffa E ta' l-Ewwel Skeda** jipprovdi *inoltre* illi l-likwidazzjoni tad-dritt dovut lill-avukat f'kawza li fiha tkun inghatat decizjoni dwar punt ta' dritt jew ta' fatt din ghandha tigi intaxxata *ad valorem* jekk kemm-il darba jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli. L-istess **regolament 3 tat-Tariffa A** jirreferi dritt li jigi ntaxxat fuq il-valur stabbilit jew fuq il-valur li jigi stabbilit skont il-ligi jew mill-att innifsu u ma hemm imkien l-ebda distinzjoni dwar il-valur tal-kawza ghandu tintuza sabiex jigi kkalkulat id-dritt registru u d-dritt ta' l-avukati.

Illi ghaldaqstant it-taxxa tal-ispejjez u drittijiet gudizzjarji mahruga mir-registratur intimat fil-kawza fl-ismijiet **Josephine Vella et vs Maria Rita Meilak et** (Rik Gur Nru 49/2008) saret korrettement u skont il-ligi.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, din il-qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-kjamati fil-kawza, tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------